tin huma nieqsin mil-ħtieġijiet tal-ħajja u mqar biex imorru għax-xogħol ta' kuljum, ikollhom jimxu biċċa sewwa ħtija tan-nuqqas tal-petrol, iżda huma għażlu li jitqabdu sakem jaraw il-għadu mħarbat u mxejjen.

Hawnhekk ħadd ma felaħ iżomm aktar u kulħadd infexx f'għajjat u ċapċip li jtarrax. Dom Attz li kien baqa miġbur fih in-nifsu jisma t-tifħir fuq ħutu l-Maltin u fuq art twelidu ħass bħal mistħija tħammarlu wiċċu u bħal sogħba tkiddlu qalbu talli huwa kien nesa dmirijietu lejn niesu u lejn pajjiżu; mitt darba kien se joħroġ mis-sala għax stħajjel dawk in-nies kollha hemm miġbura kienu qiegħdin jagħrfuh bħala Malti u kienu jlumuh għal imġieba ħażina tiegħa iżda kull darba l-isem ta' Malta kien iżommu marbut bil qiegħda fejn kien, hu ħass ruħu jitgħaxxaq jisma fuq ħilet niesu u fuq irġulithom, xtaq sata jaqsam magħhom it-tbatijiet u n-niket li waqgħu fuqhom u fawra ta' mħabba f'daqqa waħda messitlu qalbu u saħħritu; ftakar fil-ġrajja ta' ċkunitu, ġieb quddiem għajnejh il-postijiet fejn trabba, qalbu bdiet tferfer, demmu beda jbaqbaq għajnejh ħmaru u xfarhom demmagħ.

* * *

Attz ħareġ mis-sala ħosbien u donnu bniedem mitluf minn sessieh baqa sejjer qisu ras maqtugħha lejn *seventh Avenue* fejn kellu mikrija kamra, daħal mibluh u sieket, iżda malli rifes il-għatba sidt id-dar laqgħetu u qaltlu:

«Fejn kont? Ilek tliet tijem ma tidher. Jumejn ilu wasallek telegram; xħettulek fil-kamra minn taħt il-bieb».

Attz bilkem iżżaħajr lis-sinjura u baqa tiela t-taraġ kiebi u bil lajma, malli fetaħ il-bieb sab fuq il-għatba t-telegram u fetħu bla ħrara ta' xejn, iżda malli qara l-ewwel kelmtejn ha dehxa kbira, demmu kesaħ, ġismu qam xewk xewk, għafsa ta'qalb żammitlu n-nifs u waqa borra fuq siġġu; fit-telegramm Attz qara li ommu mietet mirduma meta d-dar tagħha ġġarrfet b'balla tal-għadu.

Għal dik l-aħbar Dom bdikkem, dalma kbira waqgħet quddiem għajnejh u l-ġrajjiet kollha ta' żgħużitu imħarsin mil-għożża u l-imħabba ta' ommu għaddew bħal berqa minn moħħu; baqa ħiemed għal flit tal-ħin, imbagħad f'daqqa waħda far u għadab, qabditu bhal sfiċċa qam u



beda jdur mal-kamra qisu ljun feroċi, wara dan qabdu bħal ferħ ta' ġenn u ħareġ jiġri donnu mħerwel u jgħajjat kemm jiflaħ: «Viva Malta! Viva Malta, l-gżira tal-*George Cross!*

Fit-triq kulmin ra l-Dom Attz għaddej b'dik id-dagħdigħa fuqu waqaf skantat iħares lejh, iżda hu ma qies xejn baqa sejjer jgħaġġel sakem sab l-ewwel post fejn jinkitbu s-suldati, daħal dritt u tahom ismu biex jidħol suldat.

Il-Fizzjal li jiġbor in-nies malli għaraf li Attz kien Malti laqgħu b'idejn it-tnejn għax kif qal b'leħen għoli biex jisimgħu kulħadd kien ġieħ kbir għalihom li jkollhom fosthom wieħed Malti bin il-gżira tal-*George Cross!*

**Ġuzè GALEA**

## IMMA NHOSSUNA MKABBRA

Meta fis-sliem ta' ħsiebha tgħaddi l-kruha
Taż-żmien imgħoddi qisha sħaba kbira
Li ddallam kullimkien, titriegħed qalbna
W bil-biża' demna jiksaħ mat-tifkira.

Niftakru u naraw ħerba li tnikket,
Tiġrif u ħsara, mwiet u dmugħ u dmija;
Niftakru: mgħammra sħiħ, Maltin jitqabdu
B'ħila mill-isħaħ daqs l-azzar qawwija.

U l-għadu li ma jafx b'imħabba w ħniena,
Farrak u kisser, żera' l-mewt u feraħ.
Minn qalbek, Malta, id-demm xtered u gelgel,
Sidrek, qawwi w qalil, infetaħ beraħ.

Imma nħossuna mkabbra: ħbieb w egħdewwa
Ħarsu mgħaġġbin. Għax tenniet ruħha l-ġrajja
Ta' David u Gulija: iż-żgħir setgħani
Sebaq il-kbir f'taqbid ta' mewt jew ħajja.

Ir-rand tar-rebħa tikseb, Malta ċkejkna,
Ismek u ġieħek ġa mad-dinja mħabbra.
Issilitna mal-Ġuħ u rajna dwarna
Tidħak il-Mewt.... Imma nħossuna mkabbra.

*Ġuzè Chetcuti*